MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 108/2006

**Talba Nru: 108/06PBC**

**Alfen Trading Company Limited (C 4407)**

**Vs**

**Noel Xuereb**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) rapprezentanti prezz bilancjali ta' xkaffar lilu mibjugh u kkonsenjat. Illi l-konvenut gie nterpellat diversi drabi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mill-1 ta’ Dicembru, 2002 u bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sussegwentement u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kontra l-attur.

Sema’ x-xhieda ta’ Etienne Fenech.

Ra l-verbal tal-14 ta’ Marzu, 2007 li minnu jirrizulta li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-socjeta’ attrici ghamlet xoghol ta’ xkaffar ghall-hanut fuq ordni tal-konvenut u li l-ahhar konsenja ta’ xoghol saret fil-31 ta’ Dicembru, 2002. Mill-provi jirrizulta illi l-valur ta’ xoghol originarjament konsenjat kien ta’ elf tmien mija u tletin lira Maltin (Lm1,830) li minnhom il-konvenut hallas tmien mitt lira Maltin (Lm800) pero’ mbaghad kien hemm ordnijiet ohra ammontanti ghal mitejn u tmienja u tletin lira Maltin (Lm238), sebgha u tletin lira Maltin (Lm37) u sebgha u tletin lira Maltin (Lm37) li jgibu ghalhekk bilanc ta’ elf tlett mija u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm1,342). Il-konvenut irritorna xoghol ta’ valur ta’ sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27) li jgib ghalhekk valur bilancjali ta’ elf tlett mija u hmistax-il lira Maltin (Lm1,315) pero’ jirrizulta wkoll illi l-konvenut ghamel xoghol addizjonali pero’ dan ix-xoghol addizjonali ma giex ikkonsenjat u l-kawza qeghda ssir ghal valur ta’ xoghol attwalment konsenjat.

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-azzjoni hija preskritta bid-dekors taz-zmien a tenur ta’ l-Artikolu 2148 (a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jikkontempla preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar ghall-azzjonijiet ta’ hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera,

arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika ghall-prezz ghall-opri jew xoghlijiet taghhom jew tal-materjal li jfornu.

It-Tribunal jidhirlu illi l-azzjoni odjerna hija proprju wahda minn dawn il-kazijiet billi jirrizulta pruvat mix-xhieda ta' Etienne Fenech illi hi ghamlet xoghol ta' xkaffar u kkonsenjatu lill-konvenut.

Jidher ukoll illi l-ahhar konsenja saret f'Dicembru 2002 u li ma giet intavolata l-ebda ittra ufficjali li permezz taghha gie sospiz il-perjodu preskrittiv u lanqas ma jirrizulta li l-konvenut f'xi zmien ammetta dan id-dejn u konsegwentement, galadarba ghaddew it-tmintax-il xahar kontemplati fl-Artikolu tal-Ligi fuq imsemmi, l-azzjoni attrici tirrizulta preskritta minkejja illi mill-provi prodotti jidher illi l-ammont mitlub ma jirrizultax li thallas.

Illi ghalhekk tenut kont il-premess, it-Tribunal jidhirlu li ghandu jkun hemm temperament fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici stante illi dawn jirrizultaw preskritti a tenur ta' l-Artikolu 2148 (a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------